L-applikazzjonijiet, pjanti tal-art u d-dokumenti ppreżentati magħhom jistgħu jiġu eżaminati fir-Reġistru tal-Artijiet, 'Casa Bolino', 116, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta, bejn it-8.00 a.m. u s-1.00 p.m. (ħinijiet tax-xitwa) u bejn it-8.00 a.m. u l-11.30 a.m. (ħinijiet tas-sajf).

Dott. Claude Sapiano, LLD
Reġistratur tal-Artijiet

L-14 ta' April, 2026

The applications, plans of the land and accompanying documents may be inspected at the Land Registry, 'Casa Bolino', 116, Triq il-Punent, Valletta, between 8.00 a.m. and 1.00 p.m. (winter hours) and between 8.00 a.m. and 11.30 a.m. (Summer hours).

Dr Claude Sapiano, LLD
Land Registrar

14th April, 2026

Nru. 570

ATT DWAR IR-REĠISTRAZZJONI TA' ARTIJIET (KAP. 296)

Avviż li hemm il-Ħsieb li Titoli ta' Art Jiġu Rreġistrati

B'DAN qed navża li jien irċevejt l-applikazzjonijiet li ġejjin għar-reġistrazzjoni ta' titoli ta' art deskritti hawn taħt minn:

No. 570

LAND REGISTRATION ACT (CAP. 296)

Notice of Intention to Register Titles to Land

NOTICE is hereby given that I have received the following applications to register titles to land described below from:

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	LR-A *LR-A*
Għajnsielem	Kamra Nru 48, Triq Ħamri	Grech Anthony et	LRA558/2026
Għajnsielem	*Room No. 48, Triq Ħamri*	Grech Anthony et	
Għajnsielem	Korrezzjoni ta' proprjetà 22003971 tal-pjanti rilevanti	Spiteri Rita	LRA559/2026
Għajnsielem	*Correction of Property 22003971 of relevant plans*	*Spiteri Rita*	
Għajnsielem	Korrezzjoni ta' proprjetà 22003971 tal-pjanti rilevanti	Hili Rita	LRA560/2026
Għajnsielem	*Correction of Property 22003971 of relevant plans*	Hili Rita	
Għajnsielem	Dirett Dominju Perpetwu Porzjon art fi Triq il-Gudja tal-kejl ta' 340m.k.	Gauci Lorte et	LRA564/2026
Għajnsielem	*Perpetual Direct Dominium Portion of land in Triq il-Gudja covering an area 340s.m.*	*Gauci Lorte et*	
Għajnsielem	Utile Dominju Temporanju Porzjon art magħrufa 'Ta' Pixwa' fi Triq ta' Cordina tal-kejl ta' 400m.k.	Agius Albert	LRA590/2026
Għajnsielem	*Temporary Utile Dominium Portion of land known as 'Ta' Pixwa' in Triq ta' Cordina covering an area of 400s.m.*	*Agius Albert*	
Għajnsielem	Korrezzjoni ta' proprjetà 22001361 tal-pjanti rilevanti u tal-applikazzjonijiet	Agius Albert	LRA591/2026
Għajnsielem	*Correction of Property 22001361 of relevant plans and application*	*Agius Albert*	
Għajnsielem	Porjzon art magħrufa 'Ta' Taħt il-Belt' tal-kejl ta' 2313m.k.	Cauchi Carmel	LRA599/2026
Għajnsielem	*Portion of land known as 'Ta' Taħt il-Belt' covering an area of 2313s.m.*	*Cauchi Carmel*	
Għajnsielem	Porzjon diviza art magħrufa 'Id-Daħla tal-Agħma' tal-kejl ta' 770m.k.	Spiteri Johnnie	LRA602/2026
Għajnsielem	*Divided portion of land known as 'Id-Daħla tal-Agħma' covering an area of 770s.m.*	*Spiteri Johnnie*	
Għajnsielem	1/2 indiviż Fond Nru 64, Triq Ħamri, Sqaq Nru 1	Xuereb Frances et	LRA614/2026
Għajnsielem	*1/2 undivided share of Premises No. 64, Triq Ħamri, Sqaq Nru 1*	*Xuereb Frances et*	
L-Għarb	Korrezzjoni ta' proprjetà 23000375 u 23000377 tal-pjanti rilevanti	Camilleri Domenic et	LRA520/2026
Għarb	*Correction of property 23000375 and 23000377 of relevant plans*	*Camilleri Domenic et*	
L-Għarb	Korrezzjoni ta' proprjetà 23000376, 23000374 u 23000372 tal-pjanti rilevanti	Camilleri Noel	LRA521/2026

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	LR-A *LR-A*
Għarb	*Correction of property 23000376, 23000374 and 23000372 of relevant plans*	*Camilleri Noel*	
L-Għasri	Porzjon art fi Triq l-Għasri tal-kejl ta' 694m.k.	Cutajar Joseph	LRA574/2026
Għasri	*Portion of land in Triq l-Għasri covering an area of 694s.m*	*Cutajar Joseph*	
Għjansielem	Porzjon art magħrufa 'Ta' Pixwa' fi Triq ta' Cordina tal-kejl ta' 366m.k.	Agius Jonathan	LRA592/2026
Għajnsielem	*Portion of land known as 'Ta' Pixwa' in Triq ta' Cordina covering an area of 366s.m.*	*Agius Jonathan*	
Ta' Kerċem	Korrezzjoni ta' proprjetà 30003028 tal-pjanti rilevanti	Portelli Jeremy	LRA550/2026
Ta' Kerċem	Correction of Property 30003028 of relevant plans	Portelli Jeremy	
Ta' Kerċem	Korrezzjoni ta' proprjetà 30002164 u trasferiment ta' proprjetà 30002164	Calleja Michael et	LRA551/2026
Ta' Kerċem	*Correction of porperty 30002164 and transfer of Property 30002164*	Calleja Michael et	
Ta' Kerċem	1/14 indiviż Fond 165, 166 fi Triq San Girgor	Debono Anna et	LRA575/2026
Ta' Kerċem	*1/14 undivided share of Premises No. 165, 166 in Triq San Girgor*	*Debono Anna et*	
Ta' Kerċem	1/14 indiviż Fond 165, 166 fi Triq San Girgor	Grech Christian et	LRA576/2026
Ta' Kerċem	*1/14 undivided share of Premises No. 165, 166 in Triq San Girgor*	*Grech Christian et*	
Ta' Kerċem	1/70 indiviż Fond 165, 166 fi Triq San Girgor	Grech Christian et	LRA577/2026
Ta' Kerċem	*1/70 undivided share of Premises No. 165, 166 in Triq San Girgor*	*Grech Christian et*	
Ta' Kerċem	1/14 indiviż Fond 165, 166 fi Triq San Girgor	Borg Mark James et	LRA578/2026
Ta' Kerċem	*1/14 undivided share of Premises No. 165, 166 in Triq San Girgor*	*Borg Mark James et*	
Ta' Kerċem	Fond Nru 165 u 166 Triq San Girgor u in parti trasferiment ta' proprjetà 30004563	Portelli Andrew et	LRA579/2026
Ta' Kerċem	*Premises No. 165 andv166 Triq San Girgor and in part transfer of property 30004563*	*Portelli Andrew*	
Ta' Kerċem	1/2 indiviż Porzjon art magħrufa 'Tal-Warda' tal-kejl ta' 334m.k.	Grech Joseph et	LRA582/2026
Ta' Kerċem	*1/2 undivided share of Portion of land knownas 'Tal-Warda' covering an area of 334s.m.*	*Grech Joseph et*	
Ta' Kerċem	1/2 indiviż Porzjon art magħrufa 'Tax-Xewka' tal-kejl ta' 757m.k.	Grech Joseph et	LRA583/2026
Ta' Kerċem	*1/2 undivided share of Portion of land known as 'Tax-Xewka' covering an aea of 757s.m.*	*Grech Joseph et*	
Ta' Kerċem	1/2 indiviż Porzjon art magħrufa 'Tax-Xifer' tal-kejl ta' 277m.k.	Grech Joseph et	LRA584/2026
Ta' Kerċem	*1/2 undivided share of Portion of land known as 'Tax-Xifer' tal-kejl ta' 277s.m.*	*Grech Joseph et*	

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	LR-A *LR-A*
Ta' Kerċem	Porzjon art magħrufa 'Talagamas' tal-kejl ta' 574m.k.	Curmi Emanuel et	LRA621/2026
Ta' Kerċem	*Portion of land known as 'Talagamas' covering an area of 574s.m.*	*Curmi Emanuel et*	
Il-Munxar	Korrezzjoni ta' proprjetà 42000960 u 42000961 tal-pjanti rilevanti	Formosa Joseph et	LRA532/2026
Munxar	*Correction of Property 42000960 and 42000961 of relevant plans*	*Formosa Joseph et*	
Il-Munxar	Korrezzjoni ta' proprjetà 42002177 tal-pjanti rilevanti	Spiteri Maria Georgia	LRA533/2026
Munxar	*Correction of Property 42002177 of relevant plans*	*Spiteri Maria Georgia*	
Il-Munxar	Korrezzjoni ta' proprjetà 42002176 tal-pjanti rilevanti	Mercieca Godwin et	LRA534/2026
Munxar	*Correction of Property 42002176 of relevant plans*	*Mercieca Godwin et*	
Il-Munxar	Korrezzjoni talRA1109/2019 proprjetà 43002326 tal-pjanti rilevanti	Debrincat Mary	LRA536/2026
Munxar	*Correction of LRA1109/2019 property 43002326 of relevant plans*	Debrincat Mary	
Il-Munxar	Korrezzjoni ta' proprjetà 42003573 tal-applikazzjoni	Theuma Marisa et	LRA538/2026
Munxar	*Correction of Property 42003573 of application*	Theuma Marisa et	
Il-Munxar	Korrezzjoni ta' proprjetà 42003574 tal-applikazzjoni	Theuma Marisa et	LRA539/2026
Munxar	*Correction of Property 42003574 of application*	Theuma Marisa et	
In-Nadur	Dirett Dominju Perpetwu Fond 'Hollins House', Triq San Blas	Lyon Margaret Elizabeth	LRA543/2026
Nadur	*Perpetual Direct Dominium Premises 'Hollins House', Triq San Blas*	Lyon Margaret Elizabeth	
In-Nadur	Appartament Nru 1, 'WTC Building', Triq Telegrafu	Attard Peter Paul et	LRA547/2026
Nadur	*Apartment No. 1, 'WTC Building', Triq Telegrafu*	Attard Peter Paul et	
In-Nadur	Korrezzjoni talRA28/2026 tal-pjanti rilevanti	Cassar Angelo	LRA610/2026
Nadur	*Correction of LRAż28/2026 of relevant plans*	*Cassar Angelo*	
In-Nadur	1/6 indiviż Porzjon art magħrufa 'Ta' Majza' tal-kejl ta' 1132m.k.	Portelli William	LRA623/2026
Nadur	*1/6 undivided share of Portion of land known as 'Ta' Majza' covering an area of 1132s.m.*	*Portelli William*	
In-Nadur	Dirett Dominju Perpetwu Fond 'Princess', Triq il-Mitħna	Mizzi Sharon Ann	LRA625/2026
Nadur	*Perpetual Direct Dominium Premises 'Princess', Triq il-Mitħna*	*Mizzi Sharon Ann*	
Il-Qala	Korrezzjoni ta' proprjetà 48004112 tal-pjanti rilevanti u trasferiment ta' proprjetà 48004112	Cauchi Carmelo et	LRA525/2026

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	LR-A *LR-A*
Qala	*Correction of Property 48004112 of relevant plans and transfer of Property 48004112*	*Cauchi Carmelo et*	
Il-Qala	31/200 indiviż Fond fi Triq ta' Semper u Fond fi Triq il-Wileġ	Grech Alessandro et	LRA565/2026
Qala	*31/200 undivided share of Premises in Triq ta' Semper and Premises in Triq il-Wileġ*	*Grech Alessandro et*	
Il-Qala	31/900 indiviż Fond fi Triq ta' Semper u Fond fi Triq il-Wileġ	Vella Andrew James et	LRA566/2026
Qala	*31/900 undivided share of Premises in Triq ta' Semper*	*Vella Andrew James et*	
Il-Qala	341/1800 indiviż Fond fi Triq il-Wileġ u in parti trasferiment parzjali ta' proprjetà 48003969 u 48000276	Miscav Limited et	LRA567/2026
Qala	*341/1800 undivided share of Premises in Triq il-Wileġ and in part part transfer of property 48003969 and 48222276*	*Miscav Limited et*	
Il-Qala	341/1800 indiviż Fond fi Triq ta' Semper u in parti trasferiment parzjali ta' proprjetà 48003969	Miscav Limited et	LRA568/2026
Qala	*341/1800 undivided share of Premises in Triq ta' Semper and in part part transfer of property 48003969*	*Miscav Limited et*	
Il-Qala	Korrezjoni ta' proprjetà 48004165 tal-pjanti rilevanti	Mizzi Maria	LRA569/2026
Qala	*Correction of Property 48004165 of relevant plans*	*Mizzi Maria*	
Il-Qala	Fond 'Canada House', Triq il-Wardija	Camilleri Mary	LRA596/2026
Qala	*Premises 'Canada House', Triq il-Wardija*	*Camilleri Mary*	
Il-Qala	Fond Nru 212, Triq il-Wardija	Vella Stella	LRA598/2026
Qala	*Premises No. 212, Triq il-Wardija*	*Vella Stella*	
Ir-Rabat, Għawdex	Porzjon art magħrufa 'Ta' Wied Sara' sive 'Tal-Fjura' tal-kejl ta' 327m.k.	Mercieca Darren	LRA606/2026
Rabat, Gozo	*Portion of land known as 'Ta' Wied Sara' sive 'Tal-Fjura' covering an area of 327s.m.*	*Mercieca Darren*	
Ta' Sannat	1/4 indiviż tal-Fond Nru 133, Triq ta' Ċenċ	Curmi Maria	LRA519/2026
Ta' Sannat	*1/4 undivided share of Premises No. 133, Triq ta' Ċenċ*	*Curmi Maria*	
Ta' Sannat	1/2 indiviż Fond Nru 27 u 28, Triq Marsilja	Cassar Giovanna et	LRA553/2026
Ta' Sannat	*1/2 undivided share of Premises No. 27 and 28, Triq Marsilja*	Cassar Giovanna et	

L-applikazzjonijiet, pjanti tal-art u d-dokumenti ppreżentati magħhom jistgħu jiġu eżaminati fir-Reġistru tal-Artijiet, L-Amministrazzjoni, Triq Ta' Wara s-Sur, Ir-Rabat, Għawdex, bejn it-8.00 a.m. u s-2.00 p.m.

Dott. Miriam Rapa, LLD
għar-Reġistratur tal-Artijiet

The applications, plans of the land and accompanying documents may be inspected at the Land Registry, The Administration, Triq Ta' Wara s-Sur, Victoria, Gozo, between 8.00 a.m. and 2.00 p.m.

Dr Miriam Rapa, LLD
for/Land Registrar

L-14 ta' April, 2026

14th April, 2026

Nru. 571

ATT DWAR IL-CONDOMINIA
(KAP. 398)

B'DIN qed ngħarraf li jiena rċivejt applikazzjoni għar-reġistrazzjoni u/jew emendi tar-regolamenti li jirregolaw l-imsemmija condominia:

Nru tal-Condominium *Condominium Number*	Indirizz tal-Condominium *Address of Condominium*	Rimarki *Remarks*	Data tar-Reġistrazzjoni *Date of Registration*
5721	'Princess Apartments', Triq Henry Calleja, San Ġiljan	Registration of Rules	23/02/2026
6716	'Chapelside Suites Owners Association', Triq San Silvestru,Il-Mosta	Registration of Rules	24/02/2026
7380	33, 'Sacro Cuor', Triq Borġ, Birkirkara	Registration of Rules	09/03/2026
4000	'Fairwinds, Blk M, Triq Indrì Micallef, Ħal Luqa	Registration of Rules	17/03/2026
2742	Tax-Xmajjar', Triq Ġużè Howard, Tas-Sliema	Registration of Rules	26/03/2026

Dott. Claude Sapiano, LLD
Reġistratur tal-Artijiet

L-14 ta' April, 2026

No. 571

CONDOMINIUM ACT
(CAP. 398)

NOTICE is hereby given that I have received an application for the registration of and/or amendment to rules regulating the following condominia:

Dr Claude Sapiano, LLD
Land Registrar

14th April, 2026

Nru. 572

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA)
(KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver Grams*
14.4.2026	€130.829	€2.075

L-14 ta' April, 2026

No. 572

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT
(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

14th April, 2026

Nru. 573

MINISTERU GĦALL-FINANZI

Għajnuna lill-Iskejjel tal-Knisja u Indipendenti fuq Spejjeż Kapitali konnessi mal-Implimentazzjoni tar-Riformi Edukattivi biex Uliedna Jirnexxu Lkoll

B'KONFORMITÀ mad-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 8 tan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1518, 'Għajnuna lill-Iskejjel tal-Knisja u Indipendenti fuq Spejjeż Kapitali konnessi mal-Implimentazzjoni tar-Riformi Edukattivi biex Uliedna Jirnexxu Lkoll' li ġiet ippubblikata, fil-31 ta' Diċembru 2020, fil-Gazzetta tal-Gvern numru 20,548, il-Ministeru għall-Finanzi, flimkien mal-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni qed jinfurmaw lill-pubbliku li l-iskema qed tiġi imġedda għal perjodu ta' sena, sal-31 ta' Diċembru 2026.

Din l-iskema għandha l-għan li tipprovdi assistenza lill-iskejjel tal-Knisja u Indipendenti fir-rigward tan-nefqa kapitali relatata mal-implimentazzjoni 'tar-Riforma tat-Tranżizzjoni minn Skola Primarja għal Sekondarja', sabiex l-istudenti f'dawn l-iskejjel ikunu jistgħu jibbenefikaw minn ambjent edukattiv tal-ogħla kwalità

1. Tifsir f'din l-iskema

Kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xorta oħra:

'applikant' tfisser il-persuna li, fid-data tal-applikazzjoni tkun uffiċjalment rikonoxxuta bħala l-Kap tal-Iskola tal-Knisja jew Indipendenti, jew li temporanjament taġixxi f'dik il-kariga, li fiha ser isiru xogħlijiet ta' natura kapitali u li f'isimha tkun qed tapplika għall-għajnuna li tista' tingħata taħt din l-iskema;

'data effettiva' tfisser l-1 ta' Jannar 2026;

'Malta' tfisser il-Gżejjer Maltin;

'irċevuta fiskali' tfisser irċevuta kif imfissra fit-Tlettax-il Skeda tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kap. 406), kif sussegwentement emendat, u tinkludi kull regolament magħmul taħt l-istess Att;

'skola tal-Knisja' tfisser:

(i) istituzzjoni li r-riżorsi tagħha, kemm ta' persuni u kemm ta' oġġetti, huma ordinati lejn il-promozzjoni tal-edukazzjoni u t-taħriġ ta' persuni oħra permezz tat-tixrid tat-tagħrif u tkabbir tat-tagħlim skont l-artikolu 2 tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); u

No. 573

MINISTRY FOR FINANCE

Assistance to church and Independent Schools related to Capital expenditure in the Implementation of Educational Reforms for All Children to Succeed

IN accordance with the provisions of Section 8 of Government Notice.1518, 'Assistance to Church and Independent Schools related to Capital expenditure in the Implementation of Educational Reforms for All Children to Succeed' which was published, on the 31st of December 2020, in Government Gazette number 20,548, the Ministry for Finance, together with the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation are notifying the public that the grant scheme is being renewed for a period of one year, up to 31st December 2026.

This scheme aims to provide assistance to Church and Independent Schools with regards to capital expenditure related to the implementation of the 'Transition from Primary to Secondary School Reform', so that students in these schools may also benefit from the highest quality of educational environment.

1. Interpretation

In this scheme, unless the context otherwise requires:

'applicant' means a person, who on the date of application is officially recognised as the Head of the Church School or Independent School, or temporarily acting in that capacity, in which school the works of a capital nature are to be carried out, and on whose behalf such person is applying for the assistance which may be granted under this scheme;

'effective date' means 1st January 2026;

'Malta' means the Maltese Islands;

'fiscal receipt' means a receipt as defined in the Thirteenth Schedule to the Value Added Tax (Chap. 406), as subsequently amended, and also includes any regulation made by the same Act;

'Church school' means:

(i) an institution the resources of which, both of person and of things, are ordained towards the promotion of the education and training of other persons through the dissemination of knowledge in accordance with article 2 of the Education Act (Cap. 327); and

(ii) istituzzjoni li tkun awtorizzata mill-Isqfijiet Ordinarji ta' Malta biex topera bħala skola tal-Knisja skont l-artikolu 20 tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap 327); u

(iii) istituzzjoni li qed tipprovdi edukazzjoni obligatorja fil-livell/i ta' primarja u/jew sekondarja, u

(iv) istituzzjoni li diġà jkollha liċenzja valida biex topera bħala skola f'ħarsien sħiħ tar-regolamenti skont l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap 327) meta tapplika għall-Għotja;

"skola Indipendenti" tfisser:

(i) istituzzjoni lir-riżorsi tagħha, kemm ta' persuni u kemm ta' oġġetti, huma ordinati lejn il-promozzjoni tal-edukazzjoni u t-taħriġ ta' persuni oħra permezz tat-tixrid tat-tagħrif u tkabbir tat-tagħlim skont l-artikolu 2 tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap 327); u

(ii) istituzzjoni li qed tipprovdi edukazzjoni obligatorja fil-livell/i tal- primarja u/jew sekondarja, u

(iii) istituzzjoni li diġà jkollha liċenzja valida biex topera bħala skola f'ħarsien sħiħ tar-regolamenti skont l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap 327) meta tapplika għall-Għotja;

'xogħlijiet ta' natura kapitali' jfisser:

Xogħlijiet ta' natura kapitali u servizzi direttament relatati, li saru biex il-kwalità ta' tagħlim tittejjeb b'mod dirett. Dawn jistgħu jinkludu l-bini/rranġar u l-fażi ta' tkomplija li saru biex skola testendi servizzi ta' tagħlim tagħha fil-primarja jew is-sekondarja, skont kif ikun meħtieġ, u servizzi direttament relatati bħalma huma spejjeż tal-perit, spejjeż marbuta mal-applikazzjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar (PA), spejjeż ta' konsulenza li kienu maħsuba fl-istadji ta' ppjanar tax-xogħlijiet, eċċ. Dawn ix-xogħlijiet jistgħu jinkludu xogħlijiet ta' kostruzzjoni ta' bini, u t-tqegħid tal-aperturi, l-installazzjonijiet tal-ilma u d-dawl. Dawn ix-xogħlijiet jistgħu jinkludu wkoll it-tagħmira kompluta tal-estensjoni jew inkella partijiet oħra tal-iskola,li jinkludu fost oħrajn is-siġġijiet, l-imwejjed, il-'whiteboards', l-ixkaffar, il-kompjuters, il-playgrounds u faċilitajiet sportivi u affarijiet oħrajn li mingħajrhom l-estensjoni tal-iskola ma tkunx rikonoxxuta li laħqet il-livell meħtieġ kif rikjest. Dawn ix-xogħlijiet iridu jkunu approvati mid-Direttorat għall-Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni. Fil-każ tal-iskejjel tal-Knisja, dawn ix-xogħlijiet iridu jkunu wkoll awtorizzati mill-Isqfijiet Ordinarji ta' Malta.

2. Applikabilità

Din l-iskema tapplika għax-xogħlijiet ta' natura kapitali li jsiru minn Skola tal-Knisja jew Indipendenti, liema xogħlijiet

(ii) an institution that is authorized by the Bishops in Ordinary of Malta to operate as Church school in accordance with article 20 of the Education Act (Cap 327); and

(iii) an institution providing compulsory education at primary and/or secondary level/s, and

(iv) an institution which already has a valid license to operate as a school in full compliance of the Education Act (Cap 327) at the time of application for the Grant;

'Independent school' means:

(i) an institution the resources of which, both of person and of things, are ordained towards the promotion of the education and training of other persons through the dissemination of knowledge in accordance with article 2 of the Education Act (Cap 327); and

(ii) an institution providing compulsory education at primary and/or secondary level/s, and

(iii) an institution which already has a valid license to operate as a school, in full compliance of the Education Act (Cap 327) at the time of application for the Grant;

'works of a capital nature' means:

Works of a capital nature and services directly related, undertaken to directly improve the quality of teaching and learning. These may include the construction/upgrading and completion phase incurred in order for a school to extend its teaching services in the primary or secondary level, as may be required, and directly related services such as architect fees, Planning Authority (PA) processing fees, consultancy fees originally envisaged in the planning stages of the works of a capital nature, etc. Such works may include buildings works, and the fixture of the apertures and the electrical and plumbing installations. Such works may also include the complete furnishing of the related extension or other parts of the school, which among other things include the chairs, the tables, the whiteboards, the shelves, the computers, the playgrounds and sports facilities and other items, without which, the extension of the school would not be recognised as having reached the required standard as requested. Such works and services have to be approved by the Directorate for Quality and Standards in Education. In the case of Church schools, such works need to be authorised as well by the Bishops in Ordinary of Malta.

2. Area of applicability

This scheme relates to the works of a capital nature incurred by a Church or Independent school, and which works

ta' natura kapitali jkunu bdew mid-data effettiva jew wara u tlestew sal-aħħar ta' Diċembru 2026.

3. Infiq li għandu jiġi rrapportat

L-infiq li għandu jiġi rrapportat huwa dwar xogħlijiet ta' natura kapitali kif imfisser f'sezzjoni wieħed (1) ta' din l-iskema.

4. Kif wieħed japplika u dokumenti li għandhom jiġu pprovduti:

(i) Applikazzjonijiet taħt din l-iskema għandhom isiru fuq il-formola murija fl-iskeda li tinsab ma' din l-iskema u għandu jkun fihom dak it-tagħrif, dettalji u dokumenti kollha kif meħtieġ fl-imsemmija formola u skont din l-iskema.

(ii) L-applikazzjonijiet għandu jkollhom mehmuża magħhom id-dokumenti li ġejjin:

(a) kopja tal-Karta tal-Identità tal-applikant jew ta' xi dokument uffiċjali ieħor fin-nuqqas tal-Karta tal-Identità;

(b) kemm l-irċevuta/i fiskali oriġinali kif ukoll il-fatturi kummerċjali awtentikati mill-Kap tal-Iskola u minn perit bil-warrant fejn applikabbli, relatati max-xogħlijiet ta' natura kapitali, kif imfisser fi Klawsola wieħed (1) ta' din l-Iskema. Fil-każ fejn fornitur ta' oġġetti jew servizzi huwa eżenti milli jagħti rċevuta fiskali, il-fornitur għandu jipprovdi dikjarazzjoni ffirmata f'dan is-sens flimkien mal-invoices kummerċjali.

Fil-każ ta' għamara u tagħmir li saret referenza għalihom fl-interpretazzjoni ta' "xogħlijiet ta' natura kapitali", mhux mixtrija minn Malta jkun meħtieġ, l-irċevuti oriġinali tax-xiri ta' dawn l-oġġetti maħruġin mill-fornitur flimkien ma' delivery note/s, prova dokumentata oriġinali li l-ħlas finali sar, u approvazzjoni minn MaltaPost/id-Dipartiment tad-Dwana ta' Malta, skont il-bżonn. Dawn id-dokumenti jridu jikkonfermaw li dawn l-oġġetti fil-fatt inxtraw; li l-ispejjeż tax-xiri, inkluż fejn japplika l-ispejjeż tad-dazju u tal-VAT tassew tħallsu b'mod sħiħ; u li dan ix-xiri sar mill-iskola li qed tapplika għall-għotja taħt din l-iskema għall-istess skola. Dawn l-oġġetti mixtrija jridu jkunu konformi mar-regolamenti dwar l-istandards tas-sigurtà tal-UE.

Dawn id-dokumenti jridu jkunu ffirmati mill-Kap tal-Iskola;

(ċ) fejn applikabbli, ċertifikat uffiċjali maħruġ mill-perit bil-warrant li jikkonferma li x-xogħlijiet eliġibbli ta' natura kapitali kif deskritti fl-applikazzjoni huma konformi mar-regolamenti u l-liġijiet eżistenti kollha, u skont il-permessi neċessarji maħruġa

of a capital nature were carried out from the effective date or afterwards and completed by the end of December 2026.

3. Expenditure to be reported

The expenditure to be reported is in respect of works of a capital nature as defined in section one (1) of this scheme.

4. Manner of application and supporting documents required:

(i) Applications under this scheme are to be made on the form set out in the schedule to this scheme and to contain all the information, details and documents as required in the said form and in terms of this scheme.

(ii) Applications are to be accompanied by the documents shown hereunder:

(a) a copy of the Identity Card of the applicant or, in the absence of an Identity Card, any other official document;

(b) both the original fiscal receipt/s and the commercial invoices authenticated by the Head of School, and by a warranted architect where applicable, relating to the works of a capital nature as defined in Clause one (1) of this Scheme. In the case where the supplier of goods/services is exempted from issuing a fiscal receipt an endorsed statement to this effect is to be supplied by the supplier together with the commercial invoices.

In the case of school furniture and equipment referred to in the interpretation of 'works of a capital nature', not purchased in Malta, the original invoices of the purchase of such items issued by the supplier together with the delivery note/s, the original documentary proof that final payment has been affected, and clearance from MaltaPost/Department of Customs Malta, as may be required. These documents must confirm that such items were really purchased; the expenditure costs, and which costs include duty and VAT as may be required, were really paid in full; and that such purchase was affected by the school applying for the grant under this scheme for the same school. Such purchased items must also conform to EU standard safety regulations, as may be required.

These documents are to be endorsed by the Head of School;

(c) where applicable, an official certificate issued by the warranted architect confirming that the eligible works of a capital nature as described in the application form are in conformity with all the existing regulations and laws, and in

mill-PA, kif ukoll bil-kunsens ta' terzi persuni kif ikun meħtieġ biex ix-xogħlijiet jitwettqu;

(d) fejn applikabbli, kopja maħruġa uffiċjalment mill-PA li turi li x-xogħlijiet ta' natura kapitali kif deskritti fl-applikazzjoni huma approvati mill-PA;

(e) fejn applikabbli, kopja iffirmata taċ-Ċertifikat ta' Konformità tal-PA għax-xogħlijiet ta' natura kapitali;

(f) kull dokument ieħor li l-Ministeru għall-Finanzi, jista' jitlob minn żmien għal żmien.

(iii) Ikunu jikkwalifikaw għall-għajnuna msemmija fi Klawsola 5 ta' din l-iskema dawk l-applikazzjonijiet biss li jkunu konformi mad-dispożizzjonijiet kollha ta' din l-iskema.

(iv) Applikazzjonijiet taħt din l-iskema, inkluż id-dokumenti meħtieġa li għandhom jintbagħtu mal-applikazzjoni, għandhom ikunu mibgħuta/indirizzati lil 'Skema ta' Għotja lill-Iskejjel tal-Knisja u l-Iskejjel Indipendenti, Uffiċċju tad-Direttur Ġenerali, Direttorat għall- Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni, (DKSE) Level 1, Triq Joseph Abela Scolaro, Hamrun, HMR 1304, fi żmien tliet (3) xhur mid-data tat-tlestija tax-xogħlijiet ta' natura kapitali magħmula mill-iskola, skont id-data tal-aħħar irċevuta relevanti.

Se tingħata wkoll konsiderazzjoni lil applikazzjonijiet għal għotjiet relatati mat-tlestija ta' fażijiet ta' xogħol differenti li jaqgħu bejn il-bidu tax-xogħlijiet u t-terminazzjoni kompluta tagħhom.

Formoli tal-applikazzjoni huma aċċessibbli fuq (Finance.gov.mt/Services/)

5. Għajnuna li titħallas taħt din l-Iskema

Applikanti li jikkwalifikaw jistgħu japplikaw għall-għotja ta' 15.25% fuq in-nefqa li tkun saret u tħallset kollha għal xogħlijiet ta' natura kapitali eliġibbli kif spjegat f'sezzjoni 2 ta' din l-iskema.

6. Ħlas tal-Għotja

L-għotja titħallas lill-applikant permezz ta' ċekk fl-indirizz li jidher fuq l-applikazzjoni.

7. Validità tal-applikazzjoni

Applikazzjoni ma tkunx meqjusa valida jekk:

(a) ma tkunx sħiħa u dettaljata f'kull aspett materjali tagħha;

accordance with the necessary permits issued by PA, as well as the consent of third parties, if and as may be required for the works to be carried out;

(d) where applicable, an officially endorsed copy of the PA approval of the works of a capital nature as described in the application form;

(e) where applicable, an officially endorsed copy of the PA Compliance Certificate of the said works of a capital nature;

(f) any other document which the Ministry for Finance, may, from time to time, require.

(iii) Only those applications that are in conformity with all the provisions of this scheme shall be eligible for payment of the assistance referred to in Clause 5 of this scheme.

(iv) Applications under this scheme, including the documents that are to be submitted with the application, shall be submitted/addressed to 'Grant Scheme to Church and Independent Schools, Office of the Director General, Directorate for Quality and Standards in Education, (DQSE) Level 1, Joseph Abela Scolaro Street, Hamrun, HMR 1304, not later than three (3) months from the completion date of the works of a capital nature undertaken by the school, as evidenced by the date of the last relevant receipt.

Consideration will also be given to applications for grants related to the completion of different work phases that fall in between the commencement of works and their complete termination.

Application forms are accessible on (Finance.gov.mt/Services/)

5. Assistance payable under this Scheme

Eligible applicants may apply for a grant of 15.25% on the qualifying expenditure that has been paid in full and incurred for works of a capital nature as explained at section 2 of this scheme.

6. Payment of Grant

The grant will be paid to the applicant by cheque posted to the address shown on the application.

7. Validity of application

An application shall not be deemed to be valid unless:

(a) it is full and complete in all material aspects;

(b) ma jkollhiex inklużi magħha d-dokumentazzjoni jew dettalji kollha relevanti kif mitluba;

8. Tul tal-Iskema

Din l-Iskema tibqa' fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru 2026 kif spjegat f'Sezzjoni 2 ta' din in-Notifikazzjoni u ma tibqax fis-seħħ minn hemm il-quddiem. Din l-iskema tista' tiġi mibdula jew mitmuma permezz ta' Notifikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u tista' tiġġedded skont il-ħtieġa permezz ta' Avviż ieħor fil-Gazzetta tal-Gvern.

9. Għajnuna mill-Istat

B'referenza għal sezzjoni 5, din l-iskema qed tigi implimentata b'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 2023/2831 tat-13 ta' Diċembru, 2023, dwar l-applikazzjoni tal-Artikli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-Għajnuna de minimis.

L-iskejjel tal-Knisja u Indipendenti li japplikaw għal dawn l-għotjiet għandhom jiżguraw li huma fil-limiti tal-għajnuna mill-Istat u għandhom jimlew il-formola mehmuża dwar Għajnuna mill-Istat.

10. Emendi għall-Iskema

Il-Ministru għall-Finanzi, iżomm id-dritt li jagħmel kull tibdil f'din l-iskema bil-pubblikazzjoni ta' dak it-tibdil fil-Gazzetta tal-Gvern.

11. Dispożizzjonijiet transitorji

Applikazzjonijiet taħt din l-iskema relatati ma' xogħlijiet ta' natura kapitali u liema xogħlijiet, jew fażijiet tal-istess xogħlijiet, ikunu saru bejn id-data effettiva u d-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifikazzjoni, għandhom jitqiesu bħala applikazzjonijiet validi taħt din l-iskema, kemm il-darba l-applikazzjonijiet jissodisfaw il-kundizzjoniet kollha stipulati f'din in-Notifikazzjoni.

F'dawn il-każijiet transitorji l-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu fi żmien tliet (3) xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifikazzjoni.

SKEDI

Skeda A - Formola tal-Applikazzjoni (paġni 4593 sa 4597).

Skeda B – Formola tad-Dikjarazzjoni dwar Għajnuna mill-Istat (paġni 4604 sa 4605).

L-14 ta' April, 2026

(b) it is accompanied by all the relevant documentation or details as required;

8. Duration of the Scheme

This Scheme shall remain in force till 31 December 2026 as described in Section 2 of this Notice and shall cease thereafter to be in force. This scheme may be modified or terminated by means of a Notice in the Government Gazette and shall be renewed as deemed necessary through another Notice in the Government Gazette.

9. State Aid

With reference to section 5, this scheme will be implemented in accordance with the provisions of Commission Regulation (EU) No 2023/2831 of 13 December, 2023, on the application of Articles 107 and 108 of the Treaty on the Functioning of the European Union to de minimis aid.

Church and Independent schools applying for this grant should make sure that they are within the limits of State Aid and will have to fill the attached form on State Aid.

10. Amendments to the Scheme

The Minister for Finance reserves the right to make any amendments to this scheme by the publication of the said amendments in the Government Gazette.

11. Transitory provisions

Applications made under this scheme relating to works of a capital nature and which works, or phases of such works, were carried out between the effective date and the date of publication of this Notice shall be deemed to be valid applications under this scheme, provided that the applications satisfy all the conditions stipulated in this Notice.

In these transitory cases, applications shall be submitted within three (3) months from the date of publication of this Notice.

SCHEDULES

Schedule A – Application Form (pages 4598 to 4603).

Schedule B – State Aid Declaration Form (pages 4606 to 4607).

14th April, 2026

Numru ta' Referenza

Skema ta' Għotja lill-Iskejjel tal-Knisja u l-Iskejjel Indipendenti,

Uffiċċju tad-Direttur Ġenerali, Direttorat għall- Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni,

(DKSE) Level 1, Triq Joseph Abela Scolaro, Hamrun, HMR 1304

APPLIKAZZJONI GHAL GĦOTJA RELATATA MA' SPEJJEŻ KAPITALI ELIĠIBBLI LI SKOLA TAL-KNISJA JEW INDIPENDENTI TAGĦMEL KONNESSI MAL-IMPLIMENTAZZJONI TAR-RIFORMI EDUKATTIVI BIEX ULIEDNA JIRNEXXU LKOLL

Jiena, _____(isem u kunjom b'ittri kbar), numru ta' I.D. _____u li noqgħod _____

_____

_____

(niżżel l-indirizz fejn toqgħod)

qiegħed, bħala l-Kap ta' din l-iskola

_____

_____

_____

(niżżel l-isem tal-iskola u l-indirizz)

napplika għal għotja fuq il-valur ta' spejjeż eliġibli ta' xogħlijiet ta' natura kapitali konnessi mal-implimentazzjoni tar-Riformi Edukattivi fl-edukazzjoni obbligatorja (agħti deskrizzjoni konċiża u preżisa tax-xogħlijiet relatati li saru u tħallsu u l-indirizz fejn sar il-proġett):

_____

_____

_____

_____

_____

_____

_____

Firma u timbru uffiċjali tal-Kap tal-iskola

Din l-iskola għandha liċenzja valida maħruġa mid-Direttorat għall-Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni bħala Skola li tipprovdi edukazzjoni ta' livell obbligatorju, u hija għal kollox konformi mal-kondizzjonijiet tal-liċenzja. Id-Direttorat għall-Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni jikkonferma li x-xogħlijiet kollha li saru mill-iskola u kif deskritti f'din l-applikazzjoni saru biex l-iskola testendi s-servizzi tagħha ta' tagħlim fil-livell primarju u/jew sekondarju skont l-iskema.

Firma u timbru uffiċjali tad-Direttur Ġenerali għall-Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni

(GĦALL-ISKEJJEL TAL-KNISJA BISS)

Is-Segretarjat għall-Edukazzjoni u Kultura Kattolika jikkonferma li dawn ix-xogħlijiet kollha li saru mill-iskola u kif deskritti f'din l-applikazzjoni huma awtorizzati mil-Isqfijiet Ordinarji ta' Malta.

Firma u timbru uffiċjali tas-Segretarjat għall-Edukazzjoni u Kultura Kattolika (Kurja)[1]

[1] Dan japplika għall-iskejjel tal-knisja biss.

Ix-xogħlijiet ta' natura kapitali kif deskritti hawn fuq saru matul il-perjodu (niżżel id-dati li fihom bdew u tlestew dawn ix-xogħlijiet) _____
u l-valur totali tal-ispejjeż eliġibbli huma ta' Euro _____

Qed nibgħat ukoll id-dokumenti kollha meħtieġa biex nissosstanzja din it-talba.

In-numru/i tal-irċevuta/i fiskali huma

_____

_____

_____

_____

Nitlob sabiex l-għotja titħallas lura kif jidher hawn taħt:

Isem_____

Indirizz_____

_____

Din l-għotja ma tinkludi l-ebda ammont li jkun jikkwalifika bħala tnaqqis tal-VAT taħt l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kap 406). Din l-iskola, kif suppost u legalment rappreżentata, tkun meqjusa responsabbli għat-talbiet magħmula taħt din l-applikazzjoni.

Il-Ministeru għall-Finanzi jista' jieħu kwalunkwe azzjoni biex jissalvagwardja li l-ebda għotja ma ssir b'mod irregolari jew fejn ma jkunx hemm dritt għaliha.

Jien niddikjara li d-dettalji u l-informazzjoni f'din l-applikazzjoni huma korretti. Niddikjara wkoll li din it-talba hija waħda finali u li jien awtorizzat/a biex nirċievi l-pagament f'isem din l-iskola

_____	_____	_____	_____
Isem tal-applikant	Kariga	Firma	Nru tat-telefown

Data _____

Din l-applikazzjoni għandha tkun indirizzata lil 'Skema ta' Għotja lill-Iskejjel tal-Knisja u l-Iskejjel Indipendenti', Uffiċċju tad-Direttur Ġenerali, Direttorat għall-Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni, (DKSE) Level 1, Triq Joseph Abela Scolaro, Hamrun, HMR 1304, flimkien mad-dokumenti meħtieġa fi żmien tliet xhur mid-data ta' tlestija tax-xogħlijiet relatati.

Id-dokumenti hawn taħt imsemmija qed jiġu sottomessi ma' din l-applikazzjoni:-

(i) Kopja tal-Karta tal-Identita' tal-Kap tal-iSkola jew xi dokument uffiċjali ieħor fin-nuqqas ta' Karta tal-Identita';

(ii) L-irċevuta/i fiskali oriġinali u l-*invoices* kummerċjali konnessi mal-ispejjeż eliġibli ta' xogħlijiet ta' natura kapitali, awtentikati mill-Kap tal-iSkola u, fejn japplika, minn perit bil-warrant. Fejn il-fornitur huwa eżentat milli jforni rċevuta fiskali, l-fornitur irid hekk jiddikjara bil-miktub, u jforni l-*invoices* kummerċjali.

(iii) fejn japplika, ċertifikat uffiċjali maħruġ mill-perit bil-*warrant* li jikkonferma li x-xogħlijiet eliġibbli ta' natura kapitali kif deskritti f'din l-applikazzjoni saru skont ir-regoli u l-liġijiet eżistenti u skont il-permessi neċessarji maħruġa mill-Awtorità tal-Ippjanar (PA), bil-kunsens ta' terzi persuni skont kif ikun meħtieġ;

Fil-każ ta' għamara u tagħmir li saret referenza għalihom fl-interpretazzjoni ta' "xogħlijiet ta' natura kapitali", u li ma jinxtrawx minn Malta, l-irċevuti oriġinali tax-xiri ta' dawn l-oġġetti maħruġin mill-fornitur flimkien ma' *delivery note/s*, prova dokumentata oriġinali li l-ħlas finali sar, u approvazzjoni minn MaltaPost / id-Dipartiment tad-Dwana ta' Malta, skont il-bżonn. Dawn id-dokumenti jridu jikkonfermaw li dawn l-oġġetti fil-fatt inxtraw; li l-ispejjeż tax-xiri, inkluż fejn japplika l-ispejjeż tad-dazju u tal-VAT tassew tħallsu b'mod sħiħ; u li dan ix-xiri sar mill-iskola li qed tapplika għall-għotja taħt din l-iskema għall-istess skola. Dawn l-oġġetti mixtrija jridu jkunu konformi mar-regolamenti dwar l-istandards tas-sigurtà tal-UE. Dawn id-dokumenti jridu jkunu ffirmati mill-Kap tal-Iskola.

(iv) fejn japplika, kopja maħruġa uffiċċjalment mill-PA li turi li x-xogħlijiet ta' natura kapitali kif deskritti f'din l-applikazzjoni huma approvati mill-PA:

(v) fejn japplika, kopja uffiċjali tal-*PA Compliance Certificate* tat-tali xogħlijiet ta' natura kapitali.

Fejn il-*PA Compliance Certificate* ma jistax jiġi pprovdut għal raġunijiet mhux relatati man-nefqa kapitali li għalihom saret it-talba permezz ta' din l-applikazzjoni, u dawn ir-raġunijiet ma jxekklux l-għoti effettiv tal-edukazzjoni obbligatorja skont il-livell mistenni kif mitlub mid-Direttorat għal Kwalità u Standards, l-applikant għandu jippreżenta dikkjarazzjoni uffiċjali minn perit b'*warrant* li tispjega għaliex din it-talba għandha tiġi kkonsidrata.

Protezzjoni tad-Data

Nifhem li kwalunkwe data personali sottomessa lill-Ministeru għall-Finanzi u l-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni fir-rigward ta' din l-applikazzjoni se tiġi pproċessata skont ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (*GDPR*) 2016/679 (UE) u l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data (586). Id-data personali provduta se tintuża għall-għanijiet ta' verifika u pproċessar. Jekk jogħġbok irreferi għall-Politika dwar il-Protezzjoni tad-Data tagħna onlajn li hija aċċessibbli fuq

https://www.gov.mt/en/Pages/PrivacyPolicy.aspx

Naqbel mad-dikjarazzjoni ta' hawn fuq ☐

_____ _____

L-Applikant / Kap tal-iskola Firma

(isem u kunjom b'ittri kbar)

Nota:

Fejn jirriżulta li t-talba saret b'qerq, il-Ministeru għall-Finanzi jista' jieħu passi kriminali kontra dawk responsabbli. F'każ li jsir ħlas mhux korret bħala għotja, l-istess Ministeru jirriserva d-dritt li jiġbor lura l-flus imħallsa bi żball.

Reference Number

Grant Scheme to Church and Independent Schools,

Office of the Director General, Directorate for Quality and Standards in Education,

(DQSE) Level 1, Joseph Abela Scolaro Street, Hamrun, HMR 1304

APPLICATION FOR A GRANT RELATED TO ELIGIBLE EXPENDITURE FOR WORKS OF A CAPITAL NATURE INCURRED BY A CHURCH OR INDEPENDENT SCHOOL FOR THE IMPLEMENTATION OF EDUCATIONAL REFORMS FOR ALL CHILDREN TO SUCCEED

I,_____(name and surname in block letters), ID card Number _____ and residing at _____

_____

_____

(write your address)

as Head of the following School

_____

_____

_____

_____

(name and address of the School in block letters)

wish to apply for a grant on the eligible expenditure for works of a capital nature incurred by the above-mentioned School and this with regards to the implementation of the educational reforms in compulsory education. (Give a brief and concise description of the works involved and paid and the location where such works have been carried out, giving the address):

_____

_____

_____

_____

_____

_____

_____

Official rubber stamp and signature of the Head of School

This School has a valid licence with the Directorate for Quality and Standards in Education as a School providing compulsory education provision, and is fully compliant with the relevant licence conditions. The Directorate for Quality and Standards in Education confirms that all the works undertaken by this School as described in this application form have been undertaken in order for the school to extend its teaching services in the primary and/or secondary level in accordance with the Scheme.

Signature and official rubber stamp of the Director General, (Quality and Standards in Education)

(FOR CHURCH SCHOOLS ONLY)

The Secretariat for Catholic Education confirms that all the works undertaken by this School as described in this application form have been authorised by the Bishops in Ordinary of Malta.

Signature and official rubber-stamp of the Secretariat for Catholic Education (Curia)[1]

Works of a capital nature as described above were carried out during the period (give dates) _____ and the total eligible costs involved were Euro_____.

I am also submitting documentary evidence regarding settlement of such capital costs incurred. The VAT fiscal receipt/s number/s are

_____

_____

_____

_____

_____

I request that payment of the grant is made to the following address:

Name_____

Address_____

_____

[1] This applies to church schools only.

This grant shall not include any amount which would qualify to be claimed as a deduction of input VAT under the Value Added Tax Act (Cap. 406). This School, as duly and legally represented, shall be held responsible for any claims made under this application.

The Ministry for Finance may take any action to safeguard that no grant is made irregularly or where there is no right for such claim.

I declare that the details and the information in this application are correct. I also declare that this claim is final and that I am duly authorised to receive the payment on behalf of this School.

_____	_____	_____	_____
Name of applicant	Designation	Signature	Tel. number

Date _____

This application, together with all the relevant documents, is to be submitted/sent to the Grant Scheme to Church and Independent Schools, Office of the Director General, Directorate for Quality and Standards in Education, (DQSE) Level 1, Joseph Abela Scolaro Street, Hamrun, HMR 1304, within three months from the completion of the related works.

The following documents are being submitted with this application form:

(i) Copy of the I.D. Card of the Head of School or, in the absence of an Identity Card, any other official document;

(ii) The original fiscal receipt/s and commercial invoices of related eligible works carried out as authenticated by the Head of the School and, where applicable, by a warranted architect. Where a supplier is exempted from issuing a VAT fiscal receipt, a countersigned statement to this effect by the supplier must be submitted together with the commercial invoice/s.

(iii) where applicable, an official certificate issued by the warranted architect, confirming that the eligible works of a capital nature as described in this application form are in conformity with all the existing laws and regulations, and in accordance with the necessary permits issued by Planning Authority (PA), as well as the consent of third parties, if and as may be required for the works to be carried out.

In the case of school furniture and equipment referred to in the interpretation of ''works of a capital nature'', and which items are not purchased from Malta, the original invoices of the purchase of such items issued by the supplier together with the delivery note/s, the original documentary proof that final payment has been affected, and clearance from MaltaPost/Department of Customs Malta, as may be required. These documents must confirm that such items were really purchased; the expenditure costs, and which costs include duty and VAT as may be required, were really paid in full; and that such purchase was affected by the school applying for the grant under this scheme for the same school. Such purchased items must also conform to EU standard safety regulations, as may be required. These documents are to be endorsed by the Head of School;

(iv) where applicable, an officially endorsed copy of the PA approval of the works of a capital nature as described in this application form;

(v) where applicable, an officially endorsed copy of the PA Compliance Certificate of the said works of a capital nature.

Where the PA Compliance certificate cannot be produced for reasons not related to the capital expenditure for which a claim is being made through this application, which reasons do not hinder the effective provision of compulsory education according to the required standard as requested by the Directorate for Quality and Standards in Education, the applicant produces an official declaration from a warranted architect explaining why the claim should be considered.

Data Protection

I understand that any personal data submitted to the Ministry for Finance and the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation in relation to this application will be processed in accordance with the General Data Protection Regulation 2016/679 (EU) and the Data Protection Act (586). The personal data provided will be used for vetting and processing purposes. Please refer to our Data Protection Policy online to be accessed on

https://www.gov.mt/en/Pages/PrivacyPolicy.aspx

I agree with the above ☐

_____ _____

The Applicant/ Head of school Signature

(name and surname in block letters)

Note:

Where a fraudulent claim arises, the Ministry for Finance may institute criminal proceedings against those responsible. In the event of an incorrect payment of a claim, the same Ministry reserves the right to recover funds paid in error.

DIKJARAZZJONI DWAR GĦAJNUNA MOGĦTIJA MILL - ISTAT (DE MINIMIS)

- Għajnuna lill-Iskejjel tal-Knisja u Indipendenti fuq Spejjeż Kapitali konnessi mal-Implimentazzjoni tar-Riformi Edukattivi biex Uliedna Jirnexxu Lkoll -

The abovementioned buoys will all be removed at the end of each day.

If due to unfavourable weather conditions the Race off Sliema cannot be held, straight line races will be held within the Grand Harbour as shown on Chart A found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

Mariners are instructed not to enter the restricted area on the dates and times stated above.

Mariners and owners of vessels are also advised that the loading and unloading berths at Breakwater – Spinola Bay and Tas-Sliema Waterpolo Pitch, Tas-Sliema, will be temporary restricted for use on Saturday, 18th April, 2026 and Sunday, 19th April, 2026, between 8.00 a.m. and 6.00 p.m., as shown on Chart C found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

They are to cooperate with the organisers and maritime enforcement officers in the area. Moreover, they are to comply with instructions given on VHF Channel 12 and/or 16 by Valletta VTS.

Charts affected: BA 177, 194, 2537 and 2538

Positions referred to WGS 84 DATUM

14th April, 2026

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 61 of 2026

ROV survey at Ras il-Ħobż – Gozo

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that a survey will be carried out with the use of a Remotely Operated Vehicle (ROV). This survey will be carried out on the pipeline located off Ras il-Ħobż, Gozo, in the following positions:

	Latitude (N)	*Longitude (E)*
A	36° 00'.990	14° 16'.595
B	36° 00'.800	14° 16'.718
C	36° 00'.907	14° 16'.960
D	36° 01'.072	14° 16'.855

The survey is planned to be carried out on any day between Monday, 20th April, 2026 and Saturday, 25th April, 2026, depending on weather conditions.

L-ROV se jkun operat minn bastiment żgħir (RIB).

Il-baħħara huma avżati biex jinnavigaw b'kawtela meta jkunu fil-viċinanza taż-żona msemmija hawn fuq, u għandhom iżommu distanza sigura ta' 200m mill-ROV u l-bastiment ta' appoġġ.

Il-baħħara kollha għandhom jikkoperaw mal-kuntrattur u josservaw kwalunkwe struzzjoni mogħtija fuq VHF Channel 12 u/jew 16, minn Valletta VTS.

Chart affettwata: BA 2537

L-14 ta' April, 2026

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 62 tal-2026

Iffilmjar – Madam Blanc

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta jinforma lill-baħħara, sidien ta' bastimenti u għaddasa, li se jsir iffilmjar f'Daħlet Qorrot, in-Nadur.

l-iffilmjar f'Daħlet Qorrot, in-Nadur, se jsir nhar il-Ġimgħa, 17 ta' April, 2026, mis-6.00 a.m.sas-6.00 p.m., kif muri fuq Chart A fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Jekk it-temp ma jkunx favorevoli f'Daħlet Qorrot, in-Nadur, l-ifilmjar isir f'Żewwieqa Bay, l-Imġarr, kif muri fuq Chart B fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt)) fl-istess data u ħin kif imsemmi hawn fuq.

Mhu permess l-ebda waqfien. Għalhekk, il-kaptana u l-operaturi tal-vapuri li jgħaddu minn dawn iż-żoni m'għandhomx jirmiġġaw jew jankraw u għandhom jibqgħu għaddejjin.

Il-baħħara kollha, sidien tal-bastimenti u għaddasa huma avzati li d-dħul fiż-żoni kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt) għandu jiġi evitat fid-data ta' hawn fuq.

Il-baħħara huma avżati biex jinnavigaw b'kawtela, b'veloċità baxxa, u jagħtu spazju wiesgħa meta jkunu fil-viċinanza. Huma għandhom iżommu 'l bogħod miż-żona msemmija hawn fuq u josservaw l-istruzzjonijiet u d-direzzjonijiet maħruġa fuq VHF Channel 12 u/jew 16 minn Valletta VTS u minn kwalunkwe uffiċjal tal-infurzar fuq il-post.

Charts affettwati: BA 211, 2537

L-14 ta' April, 2026

The ROV will be operated from a small vessel (RIB).

Mariners are instructed to navigate with caution when in the vicinity of the above-mentioned area, they are to maintain a safe distance of 200m from the ROV and support vessel.

All mariners are to cooperate with the contractor and to comply with any instructions given on VHF Channel 12 and/or 16, by Valletta VTS.

Chart affected: BA 2537

14th April, 2026

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 62 of 2026

Filming Activity – Madam Blanc

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies all mariners, owners of vessels and divers, that a filming activity will take place at Daħlet Qorrot, Nadur.

Filming in Daħlet Qorrot, Nadur, will take place on Friday, 17th April, 2026, from 6.00 a.m. to 6.00 p.m., as shown on chart A found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

If the weather is unfavourable in Daħlet Qorrot, Nadur, filming will take place at Żewwieqa Bay, Mġarr, as shown on the chart B found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt) on the same date and time as stated above.

No loitering is being requested. Consequently, Masters and operators of vessels transiting these areas shall not moor or drop anchor and must remain underway.

All mariners, owners of vessels and divers are advised that entry into the areas as shown on the charts found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt) is to be avoided on the above date.

Mariners are advised to navigate with caution at slow speed and give a wide berth when in the vicinity, they are to keep out of the above-mentioned area and to comply with instructions and directions issued on VHF channel 12 and/or 16 by Valletta VTS and by any enforcement officers on site.

Charts affected: BA 211, 2537

14th April, 2026

TRANSPORT MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 27 tal-2026

Kanċellazzjoni tal-Avviż lill-Baħħara Nru 15 tal-2026 – Bengħisa East Cardinal Buoy – DISTRUTT

B'referenza għal BA Chart 36 – Marsaxlokk and Approaches

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jinforma lill-baħħara li l-Bengħisa East Cardinal Buoy iteptep malajr 3 kull 10 sekondi fil-pożizzjoni:

Latitudni (T)	*Longitudni (L)*
35º 48'.030	14º 33'.550

imsemmi f'Avviż lill-Baħħara Nru 15 tal-2026, ġie rrestawrat u qed jaħdem kif suppost.

Avviż lill-Baħħara Nru 15 tal-2026 huwa b'dan ikkanċellat.

L-14 ta' April, 2026

TRANSPORT MALTA

Notice to Mariners No. 27 of 2026

Cancellation of Notice to Mariners No. 15 of 2026 – Bengħisa East Cardinal Buoy – DESTROYED

Reference is made to BA Chart 36 – Marsaxlokk and Approaches

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that the Bengħisa East Cardinal Buoy flashing quick 3 every 10 seconds in position:

Latitude (N)	*Longitude (E)*
35º 48'.030	14º 33'.550

mentioned in Notice to Mariners No. 15 of 2026, has been re-established and is functioning properly.

Notice to Mariners No. 15 of 2026 is hereby cancelled.

14th April, 2026

DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

Eżami li Jikkwalifika għall-Postijiet ta' Gwardjan Tas-Sigurtà fis-Servizz Pubbliku ta' Malta – Marzu 2026

Eżami tal-Kitba

Id-Direttur tal-Eżamijiet jgħarraf li r-riżultat tal-eżami msemmi ġie pubblikat u wieħed jista' jmur jarah l-Edu Servizz.gov, il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, Triq l-Assedju l-Kbir, Il-Furjana, u fiċ-Ċentru tal-Eżamijiet, Triq Fortunato Mizzi, Ir-Rabat, Għawdex, fil-ħinijiet tal-uffiċċju.

Dawk l-applikanti li ma rċevewx ir-riżultat tal-eżami huma mitluba biex jikkuntattjaw immedjatament lid-Dipartiment tal-Eżamijiet bin-numru tat-telefown 2598 2958, jew permezz ta' ittra elettronika lil (myexams@gov.mt).

L-14 ta' April, 2026

DEPARTMENT OF EXAMINATIONS

Qualifying Examination For Posts Of Security Guard In The Malta Public Service – March 2026

Written Examination

The Director of Examinations notifies that the result for the above-mentioned examination has been published and may be seen at Edu Servizz.gov, Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana, and at the Examinations Centre, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Gozo, during office hours.

Those applicants who have not received their results are advised to contact immediately the Department of Examinations on telephone number 2598 2958, or by email to (myexams@gov.mt).

14th April, 2026

KUNSILL NAZZJONALI TAL-KTIEB

Il-45 Pagament tal-Jeddijiet tas-Self Pubbliku

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb jixtieq iħabbar li qed iqassam il-ħamsa u erbgħin pagament tal-Jeddijiet tas-Self Pubbliku (Public Lending Rights) lil dawk l-awturi, illustraturi jew fotografi li l-kotba tagħhom ġew mislufa mil-Libreriji Pubbliċi f'Malta u Għawdex bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Marzu, 2026.

NATIONAL BOOK COUNCIL

The 45th PLR Payment

The National Book Council would like to announce that the 45th PLR (Public Lending Rights) payment is being distributed to authors, illustrators and photographers whose books were borrowed from Public Libraries in Malta and Gozo in the period covering from 1st January to 31st March, 2026.

Il-lista ta' dawn il-persuni bis-self relatat mal-kotba tagħhom u t-total ta' ħlas tista' tinkiseb minn (https://ktieb.org.mt/mt/uncategorized-mt/hareg-il-45-pagament-tal-jeddijiet-tas-self-pubbliku/).

L-14 ta' April, 2026

AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

Aġġornament tal-Mappa Bażi 2018

L-Awtorità tal-Ippjanar tixtieq tinforma lill-pubbliku li qiegħda twettaq aġġornament tal-mappa bażi. Għaldaqstant se jsir stħarriġ permezz ta' droni f'din il-lokalità kif indikat fid-dati li ġejjin:

San Pawl il-Baħar – mill-14 sat-30 ta' April, 2026

Aktar tagħrif jista' jinkiseb permezz ta' ittra elettronika lil (geomatics@pa.org.mt).

L-14 ta' April, 2026

TRANSPORT MALTA

Avviż lis-Sidien ta' Vetturi li Tneħħew mit-Triq

Skont ir-Regolamenti dwar l-Ikklampjar u t-Tneħħija ta' Vetturi bil-Mutur u Oġġetti ta' Ingombru SL.65.13, Transport Malta qiegħda b'dan l-avviż tippubblika lista ta' vetturi li tneħħew mit-toroq għar-raġuni li marru kontra l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur (Kap. 368) u Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur, L.S. 368.02 u li ma ttiħdux lura mis-sidien legali tagħhom.

Il-lista tinkludi deskrizzjoni tal-vettura. Dawn il-vetturi qed jiġu miżmuma fil-compound ta' Transport Malta.

Is-sidien rispettivi huma ġentilment mitluba sabiex jieħdu lura l-vettura tagħhom mingħand Transport Malta billi jissottomettu prova li huma s-sidien tal-vettura inkwistjoni filwaqt li għandu jsir il-ħlas tat-taxxa tar-reġistrazzjoni applikabbli, liċenzji, kontravenzjonijiet u miżati amministrattivi oħra li jkunu dovuti.

Vetturi li jibqgħu mhux miġbura u li għalihom ma jsir l-ebda ħlas għal-liċenzji, kontravenzjonijiet, taxxa applikabbli u drittijiet oħra sa nhar il-21 ta' April 2026, se jiġu rkantati u, jekk mhux mibjugħa, se jiġu meqruda.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb bin-numru tat-telefown 2556 4134 bejn id-9.30 a.m. u s-2.30 p.m., jew permezz ta' ittra elettronika lil (auctions.tm@transport.gov.mt).

The list of all recipients, the relevant books and the total remuneration may be obtained from (https://ktieb.org.mt/public-lending-rights/the-45-plr-payment-is-out/).

14th April, 2026

PLANNING AUTHORITY

Update to the 2018 Basemap

The Planning Authority wishes to inform the general public that it is undertaking an update to the 2018 Basemap. To this extent it will be carrying out surveys by means of drones in the following locality on the respective dates:

St Paul's Bay – 14th to 30th April, 2026

Any queries should be directed to (geomatics@pa.org.mt).

14th April, 2026

TRANSPORT MALTA

Notice to Owners of Vehicles Removed from the Road

In accordance with the Clamping and Removal of Motor Vehicles and Encumbering Objects Regulations SL.65.13, Transport Malta is hereby publishing a list of vehicles that were removed from the road for being in breach of the Motor Vehicles Registration and Licensing Act (Cap. 368) and the Registration and Licensing of Motor Vehicles Regulations S.L. 368.02 and which have not been retrieved by their lawful owners.

The list includes a description of the removed motor vehicle. The vehicles are currently being stored at Transport Malta's compound.

Respective owners are to retrieve their motor vehicle from Transport Malta upon submission of proof of ownership and upon payment of the applicable registration tax, licences, contraventions and other administration fees that may be due.

Vehicles which are not retrieved and for which any applicable registration tax, licences, contraventions and other fees are not paid by 21st April, 2026, will be auctioned and, if not sold, will be destroyed.

Further information may be obtained on tel. 2556 4134 between 9.30 a.m. and 2.30 p.m., or by sending an email to (auctions.tm@transport.gov.mt).

Għamla *Make*	Mudell *Model*	Kulur *Colour*	Nru tar-Reġistrazzjoni/Chassis *Registration/Chassis No.*	Lokalità ta' Tneħħija *Locality of Removal*
Volkswagen	AG	Aħmar	KCB891	In-Naxxar
Mercedes	Kompressor	Ikħal	9909 DXL	Is-Salini
BMW	B Series	Griż	JCS459	Pembroke
Peugeot	107	Aħmar	CBX876	Pembroke
Mazda	Demio	Maroon	ACR186	Pembroke
Kimco	MXU	Ikħal	KBU717	Il-Ħamrun
Vauxhall	Astra	Ikħal	GBO587	Ħal Qormi
BMW	120DSE	Griż	ACJ402	San Pawl il-Baħar
Peugeot	RCZ	Abjad	BCB752	Il-Furjana
Suzuki	Swift	Griż	HBJ698	Marsaskala
Fiat	500	Abjad	BBU301	Buġibba
Opel	Astra	Aħmar	JAX925	Paola

L-14 ta' April, 2026

KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR

Irmunkar ta' Vettura

Il-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar jgħarraf li vettura li kienet ipparkjata għal perjodu twil fi Triq il-Maqdes Megalitiku, San Pawl il-Baħar, tat-tip Mercedes bin-numru ta' reġistrazzjoni KBT867 u bla liċenzja, ġiet irmunkata fl-1 ta' April, 2026, u meħuda għand Tar-Robba Recycling Plant, Ħal Kirkop, wara tmint ijiem ta' avviż għall-finijiet ta' Artikolu 8A, tal-Avviż Legali 94 tal-1977 kif emendat bil-Leġiżlazzjoni Sussidarja 65.13 (Regolament dwar l-Ikkampjar u t-Tneħħija ta' Oġġetti ta' Ingombru).

Jekk sidha ma jmurx għaliha fiż-żmien stipulat mil-liġi, din il-vettura se tiġi skreppjata.

L-14 ta' April, 2026

14th April, 2026

SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL

Towing of a Vehicle

The San Pawl il-Baħar Local Council notifies that a vehicle which was parked for a long period in Triq il-Maqdes Megalitiku, St Paul's Bay, of type Mercedes with registration number plates KBT867 and no license, was towed on the 1st of April, 2026, and taken to Tar-Robba Recycling Plant, Ħal Kirkop, after being notified for eight days as in virtue of Section 8A of Legal Notice 94 of 1977 as amended by Subsidiary Legislation 65.13 (Traffic Regulations and Removal of Encumbering Objects).

If the owner of the said vehicle does not show up within the stipulated time frame, this will be scrapped.

14th April, 2026

L-14 ta' April, 2026

KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR

Irmunkar ta' Vettura

Il-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar jgħarraf li vettura li kienet ipparkjata għal perjodu twil fi Triq it-Trill, San Pawl il-Baħar, tat-tip Volvo bin-numru ta' reġistrazzjoni LAE308 u bla liċenzja, ġiet irmunkata fis-7 ta' April, 2026, u meħuda għand Tar-Robba Recycling Plant, Ħal Kirkop, wara tmint ijiem ta' avviż għall-finijiet ta' Artikolu 8A, tal-Avviż Legali 94 tal-1977 kif emendat bil-Leġiżlazzjoni Sussidarja 65.13 (Regolament dwar l-Ikkampjar u t-Tneħħija ta' Oġġetti ta' Ingombru).

Jekk sidha ma jmurx għaliha fiż-żmien stipulat mil-liġi, din il-vettura se tiġi skreppjata.

L-14 ta' April, 2026

14th April, 2026

SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL

Towing of a Vehicle

The San Pawl il-Baħar Local Council notifies that a vehicle which was parked for a long period in Triq it-Trill, St Paul's Bay, of type Volvo with registration number plates LAE308 and no license, was towed on the 7th of April, 2026, and taken to Tar-Robba Recycling Plant, Ħal Kirkop, after being notified for eight days as in virtue of Section 8A of Legal Notice 94 of 1977 as amended by Subsidiary Legislation 65.13 (Traffic Regulations and Removal of Encumbering Objects).

If the owner of the said vehicle does not show up within the stipulated time frame, this will be scrapped.

14th April, 2026

CENTRAL BANK OF MALTA

ASSETS AND LIABILITIES AS AT 31 DECEMBER 2025

	€		€
Gold and gold receivables	44,895,464	Banknotes in circulation	1,927,246,650
Claims on non-euro area residents in fcy	1,274,404,762	Liabilities related to monetary policy operations	5,113,694,983
Claims on euro area residents in fcy	246,926,083	Other liabilities on euro area credit institutions in euro	32,321,750
Claims on non-euro area residents in euro	934,960,399	Debt certificates issued	-
Lending related to monetary policy operations	53,000,000	Liabilities to other euro area residents in euro	923,342,989
Other claims on euro area credit institutions in euro	195,886	Liabilities to non-euro area residents in euro	31,933,950
Securities of euro area residents in euro	2,701,436,608	Liabilities to euro area residents in fcy	351,914,451
General government debt in euro	-	Liabilities to non-euro area residents in fcy	-
Intra-Eurosystem claims	3,921,218,849	Counterpart of special drawing rights allocated by the IMF	299,220,871
Items in course of settlement	11,700	Intra-Eurosystem liabilities	519,770,415
Other assets	620,629,529	Items in course of settlement	-
		Other liabilities	30,673,479
		Provisions	123,055,799
		Revaluation accounts	49,551,365
		Capital and reserves	394,952,578
	9,797,679,280		**9,797,679,280**

AMY CAMILLERI
HEAD
FINANCIAL CONTROL

MARYANNE ATTARD
CHIEF OFFICER
FINANCIAL CONTROL AND RISK

CENTRAL BANK OF MALTA

ASSETS AND LIABILITIES AS AT 31 JANUARY 2026

	€		€
Gold and gold receivables	48,213,164	Banknotes in circulation	1,877,855,850
Claims on non-euro area residents in fcy	1,278,136,774	Liabilities related to monetary policy operations	3,812,322,283
Claims on euro area residents in fcy	246,388,308	Other liabilities on euro area credit institutions in euro	32,321,750
Claims on non-euro area residents in euro	927,668,393	Debt certificates issued	-
Lending related to monetary policy operations	90,000,000	Liabilities to other euro area residents in euro	844,935,599
Other claims on euro area credit institutions in euro	953,531	Liabilities to non-euro area residents in euro	11,225,056
Securities of euro area residents in euro	2,729,722,815	Liabilities to euro area residents in fcy	336,380,235
General government debt in euro	-	Liabilities to non-euro area residents in fcy	-
Intra-Eurosystem claims	2,375,621,632	Counterpart of special drawing rights allocated by the IMF	299,220,871
Items in course of settlement	4,898,500	Intra-Eurosystem liabilities	515,952,345
Other assets	623,123,637	Items in course of settlement	-
		Other liabilities	26,959,553
		Provisions	123,055,799
		Revaluation accounts	49,551,365
		Capital and reserves	394,946,048
	8,324,726,754		**8,324,726,754**

AMY CAMILLERI
HEAD
FINANCIAL CONTROL

MARYANNE ATTARD
CHIEF OFFICER
FINANCIAL CONTROL AND RISK

CENTRAL BANK OF MALTA

ASSETS AND LIABILITIES AS AT 28 FEBRUARY 2026

	€		€
Gold and gold receivables	58,459,164	Banknotes in circulation	1,876,836,780
Claims on non-euro area residents in fcy	1,301,362,600	Liabilities related to monetary policy operations	3,762,225,600
Claims on euro area residents in fcy	229,851,732	Other liabilities on euro area credit institutions in euro	32,321,750
Claims on non-euro area residents in euro	938,166,688	Debt certificates issued	-
Lending related to monetary policy operations	26,000,000	Liabilities to other euro area residents in euro	900,639,642
Other claims on euro area credit institutions in euro	527,578	Liabilities to non-euro area residents in euro	4,035,751
Securities of euro area residents in euro	2,744,056,594	Liabilities to euro area residents in fcy	249,197,534
General government debt in euro	-	Liabilities to non-euro area residents in fcy	-
Intra-Eurosystem claims	2,310,624,591	Counterpart of special drawing rights allocated by the IMF	299,220,871
Items in course of settlement	5,677,675	Intra-Eurosystem liabilities	526,512,640
Other assets	636,333,065	Items in course of settlement	-
		Other liabilities	32,400,967
		Provisions	123,055,799
		Revaluation accounts	49,551,365
		Capital and reserves	395,060,988
	8,251,059,687		**8,251,059,687**

AMY CAMILLERI
HEAD
FINANCIAL CONTROL

MARYANNE ATTARD
CHIEF OFFICER
FINANCIAL CONTROL AND RISK

AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, Awtorità tal-Artijiet, jgħarraf li:

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti tal-Awtorità tal-Artijiet, Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 30 ta'April, 2026.

Avviż Nru 3. Bejgħ tale quale ta' store bl-arja mhux inkluża f'Nru 18, Row E3, lil hemm minn Triq Vincenzo Bugeja, Birkirkara, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.11_81_7_18. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €10,100 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' mija u għaxart elef ewro (€110,000) ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru 32 tal-Kapitolu Nru 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru 4. Kiri, għall-perjodu li fadal tal-kirja preżenti li jintemm fil-31 ta' Mejju, 2028, tal-ħanut vojt tale quale f'Nru 1A u Nru 2, Triq il-Gendus, Bormla, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2007_928. Il-kerrej preżenti ma jridx jibqa' fil-kirja u terz interessat lest li jidħol għar-rimanenti perjodu ta' din il-kirja. Dan it-terz interessat għandu d-dritt tal-ewwel rifjut riżervat favurih skont Artikolu Nru 3 (1) tal-Avviż Legali Nru 573.02. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €1,000 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' mija u sebgħin ewro (€170) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru 5. Għotja b'ċens temporanju għal perjodu ta' 50 sena għal skopijiet kummerċjali tal-fond f'ħanut Nru 2, Blokk E, Triq Peppi Vella, Qasam tad-Djar f'Tal-Ħawli, Il-Birgu, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.78_80_19_B. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €8,910 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' elfejn u disa' mija u sebgħin ewro (€2,970) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru 32 tal-Kapitolu Nru 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta

Avviż Nru 6. Kirja tale quale għall-perjodu ta' ħmistax-il (15) sena ta' garaxx bl-arja mhux inkluża f'Nru 10, qrib Blokk 'D', Pjazza Madonna ta' Fatima, Tal-Pietà, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2015_0895. Dan il-garaxx ma jistax jinxtara matul din il-kirja ta' ħmistax-il (15) sena u għaldaqstant mhuwiex eliġibbli għal kwalunkwe skema speċjali preżenti jew futura. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €5,685 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-

LANDS AUTHORITY

The Chief Executive Officer, Lands Authority, notifies that:

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be deposited in the tender box at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta, by 10.00am on Thursday, 30th April, 2026.

Advt No. 3. Sale tale quale of a store without it own airspace at No. 18, Row E3, off Triq Vincenzo Bugeja, Birkirkara, as shown edged in red on the plan P.D.11_81_7_18. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €10,100 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of one hundred and ten thousand euro (€110,000) will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Advt No. 4. Lease, for the remaining period of the present lease which ends on the 31st May, 2028, of the bare shop tale quale at No. 1A and No. 2, Triq il-Gendus, Cospicua, as shown edged in red on plan P.D.2007_928. The present tenant does not want to remain in the lease and an interested third party is ready to assume the remaining term of this lease. The interested third party has been reserved the right of first refusal as per Article No. 3 (1) of Legal Notice 573.02.Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €1,000 as stipulated in the tender conditions.Offers below the amount of one hundred and seventy euro (€170) per annum will not be considered. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Advt No. 5. Grant on a 50-year temporary emphyteusis for commercial purposes of the premises at Shop No. 2, Block E, Triq Peppi Vella Tal-Ħawli Housing Estate, Vittoriosa, as shown edged in red on the plan P.D.78_80_19_B. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €8,910 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of two thousand and nine hundred and seventy euro (€2,970) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Advt No. 6. Lease tale quale for a period of fifteen (15) years of a garage without its own airspace at No. 10 in the vicinity of Block 'D, Pjazza Madonna Ta' Fatima, Tal-Pietà, as shown edged in red on the plan P.D.2015_0895. This garage cannot be purchased during this fifteen (15) year lease and is therefore not eligible for any present or future special scheme..Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €5,685 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of one thousand and eight hundred and ninety-five euro (€1,895)

ammont ta' elf u tmien mija u ħamsa u disgħin ewro (€1,895) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru 32 tal-Kapitolu Nru 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta

Avviż Nru 7. Għotja b'ċens perpetwu revedibbli ta' sit tale quale fi Triq il-Ħummejr kantuniera ma' Triq il-Grigal, Is-Swieqi kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2024_1168. Min jirbaħ l-offerta għandu ċans sabiex jifdi dan iċ-ċens matul l-ewwel ħmistax-il (15) sena wara reviżjoni skont kif hemm spjegat bid-dettall fuq il-kundizzjonijiet taċ-ċens. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €50,000 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' mija u tlettax-il elf u ħames mija u tnejn u ħamsin ewro (€113,552) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru 32 tal-Kapitolu Nru 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Advt No. 7. Grant on a perpetual revisable emphyteusis of the site tale quale at Triq il-Hummejr cornering with Triq il-Grigal, Swieqi, as shown in red on the plan P.D.2024_1168. The winning bidder has the chance to redeem this emphyteusis within the first fifteen (15) years after a revision as explained in detail in the emphyteutical conditions. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €50,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of one hundred and thirteen thousand and five hundred and fifty-two euro (€113,552) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Avviż Nru 8. Bejgħ tale quale ta' sit li jinsab fi Triq Ġdida fi Triq Mikelanġ Sapiano, Ħaż-Żebbuġ (Malta), kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2019_0040_F. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €12,750 kif stipulat filkundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tliet mija u ħamsa u sebgħin elf ewro (€375,000) ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru 32 tal-Kapitolu Nru 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta

Advt No. 8. Sale tale quale of a site at New Street off Triq Mikelangelo Sapiano, Ħaż-Żebbuġ (Malta), as shown edged in red on the plan P.D.2019_0040_F. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €12,750 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of three hundred and seventy-five thousand euro (€375,000) will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta.A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Avviż Nru 9. Għotja b'ċens perpetwu revedibbli ta' sit tale quale bil-kejl ta' mitejn u sitta u disgħin metru kwadru (296m²) fiż-żona magħrufa bħala Ta' Gwidi li tinsab fil-limiti tal-Qala, Il-Qala, Għawdex, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2025_0252. Dan is-sit mhuwiex aċċessibbli minn triq pubblika (landlocked) u huwa suġġett għal servitujiet eżistenti favur proprjetajiet adjaċenti. Minħabba li tifforma parti minn ġnien, din il-propjetà trid tintuża għal skop ta' ġnien. Min jirbaħ l-offerta għandu ċans sabiex jifdi dan iċ-ċens matul l-ewwel ħmistax-il (15) sena wara reviżjoni skont kif hemm spjegat bid-dettall fuq il-kundizzjonijiet taċ-ċens. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €1,000 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tmienja u tmenin ewro (€88) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru 32 tal-Kapitolu Nru 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Advt No. 9. Grant on a perpetual revisable emphyteusis of the site tale quale measuring two hundred and ninety-six square metres (296m²) at the area known as Ta' Gwidi, in the limits of Qala, Qala, Gozo, as shown in red on the plan P.D.2025_0252. This site is landlocked and is subject to existing servitudes in favour of adjacent properties. Since it forms part of a garden, this property is to be used for gardening purposes. The winning bidder has the chance to redeem this emphyteusis within the first fifteen (15) years after a revision as explained in detail in the emphyteutical conditions. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €1,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of eighty-eight euro (€88) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Avviż Nru 10. Għotja b'ċens perpetwu revedibbli ta' sit tale quale bil-kejl ta' sebgħa u għoxrin metru kwadru (27m²) iż-żona magħrufa bħala Ta' Gwidi li tinsab fil-limiti tal-Qala, Il-Qala, Għawdex, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2025_0269. Dan is-sit mhuwiex aċċessibbli minn triq

Advt No. 10. Grant on a perpetual revisable emphyteusis of the site tale quale measuring twenty-seven square metres (27m²) at the area known as Ta' Gwidi, in the limits of Qala, Qala, Gozo, as shown in red on the plan P.D.2025_0269. This site is landlocked and is subject to existing servitudes in favour of

pubblika (landlocked) u suġġett għal servitujiet eżistenti favur proprjetajiet adjaċenti. Minħabba li tifforma parti minn ġnien, din il-proprjetà trid tintuża għal skop ta' ġnien. Min jirbaħ l-offerta għandu ċans sabiex jifdi dan iċ-ċens matul l-ewwel ħmistax-il (15) sena wara reviżjoni skont kif hemm spjegat bid-dettall fuq il-kundizzjonijiet taċ-ċens. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €1,000 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' mija u sitta u għoxrin ewro (€126) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru 32 tal-Kapitolu Nru 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru 11. Għotja b'ċens perpetwu revedibbli ta' sit tale quale Misraħ il-Barrieri kantuniera ma' Triq il-Kappillan Mifsud, L-Msida, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2023_619. Min jirbaħ l-offerta għandu ċans sabiex jifdi dan iċ-ċens matul l-ewwel ħmistax-il (15)sena wara reviżjoni skont kif hemm spjegat bid-dettall fuq il-kundizzjonijiet taċ-ċens. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €50,000 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' sittin elf u mija u tlieta u tletin ewro (€60,133) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Dawn l-avviżi qegħdin jiġu ppubblikati bħala stedina għall-pubbliku sabiex jakkwista d-dokumenti tal-offerta online. L-offerenti għandhom jirreferu għall-kundizzjonijiet kollha tad-dokument tal-offerta u huma mitluba li jaqraw sew dawn id-dokumenti. L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kundizzjonijiet rilevanti u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu billi tagħżel 'Buy Tender' fuq il-paġna ta' dawn L-offerti fis-sit (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). Il-ħlas ta' ħamsin ewro (€50) għandu jsir permezz tas-sistema online tas-sit tal-Awtorità tal-Artijiet bil-card bankarja tal-preferenza tiegħek.

L-14 ta'April, 2026

adjacent properties. Since it forms part of a garden, this property is to be used for gardening purposes. The winning bidder has the chance to redeem this emphyteusis within the first fifteen (15) years after a revision as explained in detail in the emphyteutical conditions. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €1,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of one hundred and twenty-six euro (€126) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Advt No. 11. Grant on a perpetual revisable emphyteusis of the site tale quale at Misraħ il-Barrieri cornering with Triq il-Kappillan Mifsud, Msida, as shown in red on the plan P.D.2023_619. The winning bidder has the chance to redeem this emphyteusis within the first fifteen (15) years after a revision as explained in detail in the emphyteutical conditions. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €50,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of sixty-thousand and one hundred and thirty-three euro (€60,133) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

These advertisements are being published as an invitation to the public to acquire tender documents online. The bidders are to refer to all the conditions of the tender document and are invited to carefully read these conditions. Tenders should be submitted only on the prescribed form, which together with the relevant conditions and other documents, may be obtained by clicking on 'Buy Tender' on the webpage where these tenders are available on (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). A fee of fifty euro (€50) must be paid through the online system of the Lands Authority website by using your preferred banking card.

14th April, 2026

KUNSILL MALTI GĦAS-SETTUR TAL-VOLONTARJAT

Il-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat jgħarraf li 'Service Dogs Malta Foundation' qiegħda tħabbar pubblikazzjoni għal sejħa għal offerta:

Referenza tal-Proġett VOPS A4.03.2026

Service Dogs Malta Foundation teħtieġ l-offerta tas-servizzi għall-provista u konsenja ta' karrozza 5 seater bħala parti mill-VOPS A4.03.2026 'Accessible Transport for Independence'.

MALTA COUNCIL FOR THE VOLUNTARY SECTOR

The Malta Council for the Voluntary Sector notifies that 'Service Dogs Malta Foundation' is requesting the call for tenders:

Project Reference VOPS A3.04.2025

'Service Dogs Malta Foundation' needs the Supply and Delivery of a 5-seater vehicle, as part of the VOPS A4.03.2026 'Accessible Transport for Independence'.

Dawk interessati għandhom jibgħatu ittra elettronika għall-ispeċifikazzjonijiet lil (servicedogsmalta1@gmail.com).

L-offerta tagħlaq nhar il-Ġimgħa, 8 ta' Mejju, 2026,

Dan il-proġett ġie ffinanzjat permezz tal-Voluntary Organisations Project Scheme amministrat mill-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat f'isem il-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat.

L-14 ta' April, 2026

KUNSILL MALTI GĦAS-SETTUR TAL-VOLONTARJAT

Il-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat jgħarraf li 'Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju, l-Imqabba' qiegħda tħabbar pubblikazzjoni għal sejħa għal offerta:

Referenza tal-Proġett VOPS A2.09.2026

'Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju' teħtieġ l-offerta tas-servizzi għall-provvista, konsenja, installazzjoni u kummissjunar ta' sistema ta' arja kundizzjonata bħala parti mill-VOPS A2.09.2026 'Enhancing Volunteer Spaces Through Climate Comfort'.

Dawk interessati għandom jibgħatu ittra elettronika għall-ispeċifikazzjonijiet lil (info@talgilju.com).

L-offerta tagħlaq nhar it-Tlieta, 5 ta' Mejju, 2026.

Dan il-proġett ġie ffinanzjat permezz tal-Voluntary Organisations Project Scheme amministrat mill-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat f'isem il-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat.

L-14 ta' April, 2026

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Sourcing and Supply Chain Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls imniżżla hawn taħt għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tal-Erbgħa, 15 ta' April, 2026.

ERU0904U26 – Medicinal
ERU0904U26A – Medicinal

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Prospective bidders are invited to send an email for specifications to (servicedogsmalta1@gmail.com).

Deadline for submissions is Friday, 8th May, 2026.

This project has been funded through the Voluntary Organisations Project Scheme managed by the Malta Council for the Voluntary Sector supported by the Ministry for Inclusion and the Voluntary Sector.

14th April, 2026

MALTA COUNCIL FOR THE VOLUNTARY SECTOR

The Malta Council for the Voluntary Sector notifies that 'Our Lady of the Lily Musical Society, Mqabba' is requesting the call for tenders:

Project Reference VOPS A2.09.2026

'Our Lady of the Lily Musical Society' needs the supply, delivery, installation, testing and commissioning of a climate control system, as part of the VOPS A2.09.2026 'Enhancing Volunteer Spaces Through Climate Comfort'.

Prospective bidders are invited to send an email for specifications to (info@talgilju.com).

Deadline for submissions is Tuesday, 5th May, 2026.

This project has been funded through the Voluntary Organisations Project Scheme managed by the Malta Council for the Voluntary Sector supported by the Ministry for Inclusion and the Voluntary Sector.

14th April, 2026

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Sourcing and Supply Chain Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health and Active Ageing, notifies that submissions for the below listed ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. on Wednesday, 15th April, 2026.

ERU0904U26 – Medicinal
ERU0904U26A – Medicinal

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU website.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

L-14 ta' April, 2026

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Sourcing and Supply Chain Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls imniżżla hawn taħt għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 16 ta' April, 2026.

ERU1004U26 – Devices
ERU1004U26A – Devices
ERU1004U26B – Devices
ERU1004U26C – Devices
ERU1004U26D – Devices
ERU1004U26E – Medicinal
ERU1004U26F – Medicinal
ERU1004U26G – Devices
ERU1004U26H – Devices
ERU1004U26I – Medicinal

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

L-14 ta' April, 2026

DEPUTAZZJONI LEGATI TAŻ-ŻWIEĠ

Skont u għall-finijet tad-dispozizzjonijiet tal-Paragrafu V tal-proklama tal-Gvern tal-4 ta' Settembru, 1618, ngħarrfu lil min jinteressah illi l-Kummissjoni hawn fuq imsemmija, fl-4 ta' Marzu, 2026, għamlet dawn l-għażliet.

Fil-Legat ta' Żwieġ imħolli minn Angelica Gatt:

1. Charmaine Abdilla, mart Matthew Spiteri bint Victor Abdilla u Josephine Abdilla née Zerafa, imwielda fit-tnax ta' Mejju tas-sena elf disa' mija erbgħa u disgħin (12/05/1994).

2. Josephine Agius, mart Joseph Gafa' bint Nazzareno Agius u Carmela Agius née Meilak, imwielda fl-għoxrin ta' Awwissu tas-sena elf disa' mija sebgħa u sittin (20/08/1967).

3. Roberta Aquilina, mart Owen Argento bint Joseph Aquilina u Josephine Aquilina née Darmanin, imwielda

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

14th April, 2026

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Sourcing and Supply Chain Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health and Active Ageing, notifies that submissions for the below listed ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. on Thursday, 16th April, 2026.

ERU1004U26 – Devices
ERU1004U26A – Devices
ERU1004U26B – Devices
ERU1004U26C – Devices
ERU1004U26D – Devices
ERU1004U26E – Medicinal
ERU1004U26F – Medicinal
ERU1004U26G – Devices
ERU1004U26H – Devices
ERU1004U26I – Medicinal

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

14th April, 2026

MARRIAGE LEGACIES COMMISSION

In terms and for the purposes of Paragraph V of the Government proclamation of the 4th of September 1618, it is notified to whom it may concern that the aforementioned Commission, on 4th March, 2026, has made the following elections.

On the Marriage Legacy founded by Angelica Gatt:

1. Charmaine Abdilla, wife of Matthew Spiteri, daughter of Victor Abdilla and Josephine Abdilla née Zerafa, born on the twelfth of May of the year one thousand nine hundred and ninety-four (12/05/1994).

2. Josephine Agius, wife of Joseph Gafa', daughter of Nazzareno Agius and Carmela Agius née Meilak, born on the twentieth of August of the year one thousand nine hundred and sixty-seven (20/08/1967).

3. Roberta Aquilina, wife of Owen Argento, daughter of Joseph Aquilina and Josephine Aquilina née Darmanin, born

fit-tlettax ta' Frar tas-sena elf disa' mija erbgħa u sebgħin (13/02/1974).

4. Natasha Bartolo, mart Mark Chetcuti bint Amante Bartolo u Rita Bartolo née Cassar, imwielda fit-tlieta u għoxrin ta' Diċembru tas-sena elf disa' mija wieħed u disgħin (23/12/1991).

5. Kristina Bartolo, mart Christian Ellul bint Amante Bartolo u Rita Bartolo née Cassar, imwielda fil-wieħed u għoxrin ta' Diċembru tas-sena elf disa' mija tlieta u disgħin (21/12/1993).

6. Philumena Bonavia, mart John Galea bint Vincenzo Bonavia u Pauline Bonavia née Cassar, imwielda fil-wieħed u tletin ta' Jannar tas-sena elf disa' mija erbgħa u sittin (31/01/1964).

7. Tania Borg, mart Leopold Zammit bint Joseph Borg u Victoria Borg née Mangion, imwielda fis-sbatax ta' April tas-sena elf disa' mija sebgħa u sittin (17/04/1967).

8. Romina Borg, mart Michael Rogers bint Joseph Borg u Victoria Borg née Mangion, imwielda fl-għaxra ta' Frar tas-sena elf disa' mija tnejn u sebgħin (10/02/1972).

9. Marie Borg, mart Ricky Garrod bint Joseph Borg u Catherine Elizabeth Borg née Allder, imwielda fl-ewwel ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija erbgħa u tmenin (01/10/1984).

10. Gabriella Borg Grech, mart Mirko Bonello bint Victor Borg Grech u Marianne Sammut Borg Grech née Alessi, imwielda fit-tletin ta' Lulju tas-sena elf disa' mija ħamsa u tmenin (30/07/1985).

11. Margaret Buhagiar, mart Nazzareno Galea bint Emanuel Buhagiar u Rosanna Buhagiar née Micallef, imwielda fis-sittax ta' Mejju tas-sena elf disa' mija erbgħa u ħamsin (16/05/1954).

12. Maria Dolores Buhagiar, mart Melchiore Magri bint Emanuel Buhagiar u Rosanna Buhagiar née Micallef, imwielda fit-tnax ta' Settembru tas-sena elf disa' mija sittin (12/09/1960).

13. Tania Buhagiar, mart Paul Grech bint Nicola Buhagiar u Maria Carmela Buhagiar née Gauci, imwielda fit-tmienja u għoxrin ta' Settembru tas-sena elf disa' mija ħamsa u sittin (28/09/1965).

14. Catherine Cachia, mart Mark Parkinson bint Michael Cachia u Maria Assunta Cachia née Camilleri, imwielda

on the thirteenth of February of the year one thousand nine hundred and seventy-four (13/02/1974).

4. Natasha Bartolo, wife of Mark Chetcuti, daughter of Amante Bartolo and Rita Bartolo née Cassar, born on the twenty-third of December of the year one thousand nine hundred and ninety-one (23/12/1991).

5. Kristina Bartolo, wife of Christian Ellul, daughter of Amante Bartolo and Rita Bartolo née Cassar, born on the twenty-first of December of the year one thousand nine hundred and ninety-three (21/12/1993).

6. Philumena Bonavia, wife of John Galea, daughter of Vincenzo Bonavia and Pauline Bonavia née Cassar, born on the thirty-first of January of the year one thousand nine hundred and sixty-four (31/01/1964).

7. Tania Borg, wife of Leopold Zammit, daughter of Joseph Borg and Victoria Borg née Mangion, born on the seventeenth of April of the year one thousand nine hundred and sixty-seven (17/04/1967).

8. Romina Borg, wife of Michael Rogers, daughter of Joseph Borg and Victoria Borg née Mangion, born on the tenth of February of the year one thousand nine hundred and seventy-two (10/02/1972).

9. Marie Borg, wife of Ricky Garrod, daughter of Joseph Borg and Catherine Elizabeth Borg née Allder, born on the first of October of the year one thousand nine hundred and eighty-four (01/10/1984).

10. Gabriella Borg Grech, wife of Mirko Bonello, daughter of Victor Borg Grech and Marianne Sammut Borg Grech née Alessi, born on the thirtieth of July of the year one thousand nine hundred and eighty-five (30/07/1985).

11. Margaret Buhagiar, wife of Nazzareno Galea, daughter of Emanuel Buhagiar and Rosanna Buhagiar née Micallef, born on the sixteenth of May of the year one thousand nine hundred and fifty-four (16/05/1954).

12. Maria Dolores Buhagiar, wife of Melchiore Magri, daughter of Emanuel Buhagiar and Rosanna Buhagiar née Micallef, born on the twelfth of September of the year one thousand nine hundred and sixty (12/09/1960).

13. Tania Buhagiar, wife of Paul Grech, daughter of Nicola Buhagiar and Maria Carmela Buhagiar née Gauci, born on the twenty-eighth of September of the year one thousand nine hundred and sixty-five (28/09/1965).

14. Catherine Cachia, wife of Mark Parkinson, daughter of Michael Cachia and Maria Assunta Cachia née Camilleri,

fit-tnejn ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija tnejn u tmenin (02/10/1982).

15. Davinia Camilleri, mart Steve Cardona bint David Camilleri u Anna Camilleri née Aquilina, imwielda fis-sitta u għoxrin ta' Lulju tas-sena elf disa' mija u disgħin (26/07/1990).

